# JOHN MAGRO

## Managing Director ta' Magro Group of Companies

*intervistat minn Maureen Buttigieg*

**Nahseb li ż-żmien ta' tfulija u żmien l-iskola, kienu ferm differenti mill-hajja tieghek tal-illum bhala negozjant b'hafna impenji. Kif thares lejn dak iż-żmien imqabbel ma' llum?**
*Kull eta' ġġib magħha l-isfidi u l-obbligi tagħha. Pero' ħaġa li fi tfuliti naqset żgur kienet il-preżenza ta' missieri li miet meta jien kont għadni żgħir ħafna. Minħabba dan in-nuqqas kelli nikber ferm qabel iż-żmien. Illum billi naf xi tfisser li jkollok il-preżenza tal-missier nieqsa fil-familja, qed nipprova nwettaq r-rwol ta' missier tajjeb billi nkun ma' wliedi kemm jista' jkun.*

**Ta' liema eta' bdejt, u kif komplejt tinvolvi ruhek fin-negozju?**
*L-ewwel li għamilt kien li bdejt nistudja Malta għall-'accountant'. Meta kont nistudja kont ukoll naħdem. L-ewwel ħdimt sitt xhur d-'dockyard', fejn nista' ngħid li tgħallimt ħafna affarijiet. Imbagħad bdejt naħdem ma' kumpanija ta' l-awdituri, fejn xogħli kien li nagħmel 'management accounts' għal diversi kumpaniji. Hemmhekk bdejt nara ħafna opportunitajiet u kien hemmhekk li bdiet tberren f'moħħi l-idea li nidħol fin-negozju tal-familja tagħna stess. U hekk għamilt. Tlaqt il-kors li kont qed nieħu Malta, kif ukoll ix-xogħol li kelli, u dħalt għall-avventura ġdida. Dan ġara meta jien kelli madwar għoxrin sena. Dak iż-żmien in-negozju tal-familja kien maqsum bejn dak tal-kuġini u dak tal-familja tagħna. L-ewwel ippruvajna naħdmu n-negozju tagħna mingħajr ma nagħmlu diviżjoni, iżda minħabba li nqala xi diżgwid iddeċidejna li jien u ħija nixtru s-sehem tal-kuġini. Li mess lilna kienet il-fabbrika ta' l-ikel. Dak li kien għadu ġej mill-ġenerazzjoni ta' qabilna, (vapuri, raba') messew kollha lill-kuġini. Meta ddeċidejna li nwettqu dan il-pass, fl-1977, il-kumpanija kienet tipproduċi biss prodott wieħed, li kienet il-kunserva. Illum għandna xi tmenin prodott u nesportaw il-'ketchup' f'dsatax-il pajjiż. Sa' mill-bidu ta' l-1977, jien u ħija konna iddeċidejna li nidħlu fis-settur tar-'real estate'. Għalhekk oriġinarjament, konna nvoluti f'żewġ setturi, is-settur ta' l-ikel u dak tar-'real estate'. Xi ħames snin ilu mbagħad iddeċidejna li nidħlu fis-settur tar-'retailing'. U kien hemmhekk fejn għamilna l-esperjenza tal-'Crai' u tat-'Tiġrija Palazz'. Is-setturi ta' l-ikel, 'real estate' u 'retailing', huma primarjament it-tliet setturi li aħna ninsabu nvoluti fihom.*

**Kif thares lejn is-suq Malti? Tahseb li l-pajjiżdiehel f'riċessjoni?**
*Il--gvern preżenti għandu direzzjoni li nidħlu fl-Unjoni Ewropeja. Għalhekk kull 'policy' li ssir qiegħda ssir b'tali mod li nimxu lejn dak il-għan. Pero' irrispettivament nidħlux fl-Unjoni Ewropeja jew le, irridu nirrealiżżaw li aħna pajjiż wieħed fid-dinja, u li jeħtieġ li aħna nduru mad-dinja u mhux li d-dinja ddur madwarna - aħna*

*żgħar wisq. Għalhekk kull 'policy' li ssir trid tirrefletti din ir-realta'. Bħalissa f'pajjiżna għaddej taqlib sħiħ biex minn din il-qoxra li qegħdin fijha, nippruvaw nagħmlu ekonomija aktar miftuħa. Dan il-proċess jrid jsir irrispettivament nidħlux fl-Unjoni Ewropeja jew le. Dan ifisser li f'kull ħaġa li nagħmlu rridu nikkompetu mad-dinja. Issa li qed jiġri f'pajjiżna huwa li dan t-taqlib fil-mentalita' qed igib miegħu l-inċertezza. Min-naħa l-oħra din l-inċertezza ġġib magħha nuqqas ta' investiment. U għalhekk forsi bħalissa nistgħu ngħidu li hawn nuqqas ta' investiment. Pero' żgur li dan in-nuqqas ta' investiment ma tistax tikklassifikah bħala riċessjoni. Dan minħabba li meta l-ekonomija tkun qed tgħaddi minn ċertu ritmu, hija ħaġa naturali li jkun hawn inċertezza u nuqqas ta' investiment.*

**X'vantaġġi u żvantaġġi ġġib magħha il-posizzjoni ġeografika u l-fatt li Magro Group jinsab ċentralizzat Għawdex?**

*Li tkun żgħir u mdawwar bil-baħar huma żewġ fatturi li fihom infushom fihom ħafna vantaġġi. Kemm Malta u Għawdex huma pajjiżi żgħar u allura bejn il-kunċett ta' dak li trid tagħmel u dak li trid twettaq, ser tieħu ħafna nqas ħin. Il-baħar kien u għadu l-aqwa mezz ta' trasport. Dan minħabba li jiswa l-inqas flus, u huwa l-inqas mezz li jniġġeż l-ambjent. Allura, jekk aħna mdawwrin bil-baħar, dan huwa vantaġġ ukoll. Il-ħażin u l-iżvantaġġi huma aħna li nivvintawhom. Noħolqu l-bsaten fir-roti biex dawn il-vantaġġi ninnewtralizzawhom. Eżempju ta' dan huwa l-fatt li l-ispejjeż biex inġib 'container' minn Tunes jew l-Italja jinqasmu hekk: terz ta' l-ispejjeż biex jasalli sa' Malta, u żewġ terzi biex dan il-'container' inġibu minn Malta sa' Għawdex.*

*U huwa għalhekk li ngħid li l-iżvantaġġi nivvintawhom aħna. Jiena ilni 25 sena fl-FOI u din kull sena tirrakomanda biex issir xi ħaġa dwar din il-problema. Iżda qatt ħadd ma għamel xejn biex din il-problema ssolvi ruħha. Il-verita' hija li l-politikanti jibżgħu jittekiljaw din il-problema għax fejn jidħlu l-'port workers'*



*tidħol l-GWU, u għalhekk din il-problema m'hix ħa tkun xi ħaġa li tista' ssolviha m'illum għal għada. Li ser jiġri huwa li meta ser jinfetħu l-bibien u ser inkunu għall-pressjoni ta' barra, din il-problema ser tikber. U jekk ħames snin ilu din il-problema kienet importanti, illum din saret urġenti u sentejn oħra ta' bilfors insolvuha, għax inkella ser ikollna nagħlqu kollha kemm aħna! Hemm bżonn li l-politikanti jaffrontaw l-GWU u jgħidulhom li jekk m'huma ser jagħmlu xejn, dawn il-fabbriki ser ikollhom jagħalquhom. Issa l-gvern għadu kif ħabbar programm ta' 3 - 4 snin li fihom aħna rridu nkunu lliberizzajna l-maġġoranza ta' l-industriji hawn Malta. Madanakollu, kif tista' tilliberalizza meta għandek dawn l-ankri? Inutli li jien ikolli l-aqwa fabbrika fid-dinja bl-ikbar effiċċjenza possibbli, jekk jien malli noħroġ mill-bieb 'il barra tgħammilli taxxa li tinnewtralizzali l-effiċċjenza tal-fabbrika.*

**X'benefiċċi tieħu l-kumpanija tiegħek mill-'Industrial Development Act'?**

*L-'Industrial Development Act' kien pass għaqli tal-gvern ta' dak iż-żmien li sewa ħafna biex iħajru investiment. Pero' dawn il-pakketti ta' inizjattivi kienu tajbin biss għal għaxar snin ilu. Illum ġirien tagħna bħall-Eġittu, Marokk, u it-Tunisija għandhom pakketti biex iħajru*

investiment ferm aqwa minn tagħna. Għalhekk il-gvern preżenti għandu d-dover (aktar u aktar issa li qed issir il- 'globalisation') li dan il-pakkett ikompli jiġi aġġornat. Aħna n-negozjanti nibbenifikaw mill-inċentivi li toffri l-I.D.A., pero' żgur li ma nistax ngħid li jien sodisfatt b'dan. Ir-ritmu ta' l-ekonomija titlob mhux li tagħmel legislazzjoni kull għaxar snin, iżda li tagħmel legislazzjoni li tassigura li int tkun kompetittiv kemm fuq skala tar-reġjun li fih int tkun qed topera, u kemm fuq skala tar-realta' tad-dinja. Inħoss li minħabba dawn il-fatturi, aħna qed nibqgħu dejjem lura meta mqabbla ma' pajjiżi oħra.

**Kif ser tiġi affettwata l-kumpanija tiegħek jekk Malta tidħol fl-Unjoni Ewropeja?**

*Negozjant tajjeb għandu dejjem ikun preparat li għaċ-cirkostanzi li jinqelgħu u jieħu ċ-'challenges' minnhom. Bħala industrijalist jiena għandi l-obbligu li fuq dak li jiddeċiedi l-poplu jiena nsib in-niċeċ tiegħi. Jiena kunfidenti li bħalma sibna opportinitajiet fil-passat hekk nerġgħu nsibu opportunitajiet oħrajn. Pero' irridu nibdlu l-mentalita', mhux bil-kliem biss, iżda bil-fatti. Il-gvern għandu d-dover mhux li jagħti biss gwida, iżda li jibda jwettaq dawn it-tibdiliet. Dwar l-industriji ż-żgħar ma naħsibx li dawn ser jintlaqtu ħażin. Anzi naħseb li dawn ser ikunu l-inqas li ser ikunu affettwati. Dan għaliex kulma għandu jagħmel l-industrijalist iż-żgħir huwa li jaddatta u jibdel il-prodott tiegħu skond iċ-ċirkostanzi li jinqelgħu (eżempju: mastrudaxxa jipproduċi biss bibien 'tailor-made'). Li jbeżżewni huma l-'medium sized industries' li għandhom fihom ċertu investiment, għax dawn mhux la kemm jibdlu l-prodott tagħhom m'illum għal għada, u dawn huma aktar esposti għall-pressjonijiet minn barra.. Għalhekk naħseb li l-gvern għandu l-obbligu hawnhekk li lil dawn l-industriji jagħtihom l-assistenza u għajnuna meħtieġa, biex forsi ma jintlaqtux daqshekk ħażin.*

**X'inhuma l-għanijiet tiegħek għall-futur?**

*Li nara l-kumpaniji tiegħi jkomplu jikbru f'suq liberalizzat, flimkien ma' żieda sostanzjali fl-esportazzjoni. Jiena ninsab kunfidenti biżżejjed li malli nagħrfu sew x'inhu r-rwol tagħna, dawn għandhom jiżdiedu sew ukoll.*

PUT YOUR BUSINESS ON GOZO'S HOTTEST WEBSITE

GOZO.COM

News
Weather
Chat
History



Localities
Tourist Info
Business
Current Events

SUN SEA FUN

Experience the Magic
(from your home)

www.gozo.com

for advertising contact
ICS Ltd. tel:558783 /4